MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 687/2006

**Mobisle Communication Ltd C24655**

**vs**

**Bonnici Mark**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut hall-hlas ta' mija u erba' Liri Maltin u sitt centezmi (LM104.06.) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Ltd skond *Client Contract Number* 194725 in konnessjoni ma servizz lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Settembru, 2005 u Marzu, 2005) li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-Ispejjes, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tat-22 ta'Gunju, 2006, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentata

kontestwalment ma din il-kawza, dawk ta’ l-ittra ufficjali lil banek ghall-imsemmi mandat u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut ipprezentat mill-PL Peter Sammut fl-1 ta’ Novembru, 2006;

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it- Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------